## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1007/2021**

## PHILIP AGIUS (KI 284543M) U ANGELA SIVE JULIE AGIUS (KI 471353M)

**VS**

## RICCARDO FRANCO SCHEMBRI (KI 568282M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 8 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba magħmula permezz ta' rikors tar-rikorrenti preżentat fit-tlettax (13) t'Ottubru 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex l-intimat jiġi kundannat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' disgħa u ħamsin elf, erba' mija u sittax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€59,416.50), ridotta fil-mori tal-kawża għas-somma ta' wieħed u tletin elf, erba' mija u sittax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€31,416.50), rappreżentanti sehmu minn somma globali ta' mija u tmintax-

il elf, tmien mija u tlieta u tletin Ewro (€118,833) li ġiet mislufa mir-rikorrenti lil binthom Karen Agius u lill-intimat;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar it-tlettax (13) t'Ottubru 2021, ir-rikorrenti **Philip Agius et** ippremettew:

    a. *Illi f'diversi okkażjonijiet l-esponenti silfu lil binthom Karen Schembri (illum irrivertiet għal kunjom xbubitha Agius) u lil żewġha l-intimat Riccardo Franco Schembri ammont konsiderevoli ta' flejjes li globalment jammontaw għal* ***mija u tmintax-il elf, tmien mija u tlieta u tletin Ewro (€118,833.00)****;*

    b. *Illi parti sostanzjali mis-somma globali surreferita, u cioe ta' sebgħa u disgħin elf, tmien mija u tlieta u tletin Ewro (€97,833.00) ġiet anke konfermata mill-imsemmija Karen Agius u l-intimat permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat l-20 ta' Lulju 2010, atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar (****DOK A****);*

    c. *Illi sussegwenti għall-pubblikiazzjoni ta' dak l-att ta' kostituzzjoni ta' debitu l-esponenti reġgħu silfu lill-intimat u lil binthom is-somma bilanċjali ta' wieħed u għoxrin elf Ewro (€21,000.00);*

    d. *Illi oltre l-kostituzzjoni ta' debitu hawn fuq surreferita kemm l-intimat u binthom irrikonoxxew dan id-dejn li għandhom mal-esponenti, anke jekk l-ammont minnhom indikat ma jaqbilx preċiżament ma' dak effettivament misluf, fil-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejniethom (****DOK B****);*

    e. *Illi sal-lum l-ammont misluf mill-esponenti baqa' mhux imħallas, minkejja diversi interpellanzi orali;*

f. *Illi f'dan l-istadju, iżda assolutament mingħajr ebda preġudizzju u/jew rinunzja għal kull jedd spettanti lilhom, l-esponenti ma jixtiqux jaġixxu kontra binthom;*

g. *Illi l-espoennti bagħtu ittra uffiċjali lill-intimat Riccardo Franco Schembri sabiex iħallas lilhom is-somma ta'* ***disgħa u ħamsin elf, erba' mija u sittax-il Ewro punt ħamsin ċenteżmi (€59,416.50)*** *rappreżentanti l-import ta' sehmu mis-somma globali mislufa lilu u lil binthom mill-esponenti kif hawn fuq ingħad, liema ittra uffiċjali huwa irċieva nhar is-26 ta' Lulju 2021 (***DOK C***);*

h. *Illi l-intimat għażel li jinjora għal kollox l-interpellazzjoni uffiċjali li saritlu u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

i. *Illi sa fejn jafu l-esponenti, l-intimat ma għandux eċċezzjonijiet x'jagħti sabiex jopponi t-talbiet t'hawn taħt;*

3. Għaldaqstant, ir-rikorrenti talbu lil din il-Qorti sabiex:

    i. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

    ii. *Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-esponenti s-somma ta'* ***disgħa u ħamsin elf erba' mija u sittax-il Ewro punt ħamsin ċenteżmi (€59,416.50)*** *rappreżentanti l-import ta' sehmu mis-somma globali ta' mija u tmintax-il elf, tmien mija u tlieta u tletin Ewro (€118,833.00) li ġiet mislufa mill-esponenti lill-istess intimat u binthom Karen Agius, bl-imgħax legali dekorribbli mis-26 ta' Lulju 2021 sad-data tal-pagament effettiv;*

    *Bl-ispejjez tal-preżenti kontra l-intimat.*

4. Permezz ta' digriet mogħti nhar it-tnejn (2) ta' Novembru 2021, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, appuntat il-

kawża għas-seduta ta' nhar il-Ħamis, 11 ta' Novembru 2021, b'ordni lill-konvenut sabiex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tar-rikorrenti, u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti;

5. Waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021, il-Qorti semgħet lill-konvenut jixhed quddiemha b'ġurament, rat id-dokumenti minnu esebiti, u, b'digriet mogħti waqt l-istess seduta, awtorizzat lill-konvenut jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu;

6. Permezz ta' risposta ġuramentata datata tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2021, l-intimat **<u>Riccardo Franco Schembri</u>** eċċepixxa:

   a. *Illi preliminarjament, jingħad illi kif inhu konċess mill-atturi dawn l-ammonti mislufa kienu mislufa fiż-żwieġ ta' bejn il-konvenut u bint l-atturi li għalhekk għandha tiġi kjamata fil-kawża;*

   b. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju, l-intimat jopponi t-talbiet kollha attriċi bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

   c. *Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori, l-intimat kien qiegħed mingħajr preġudizzju għat-talbiet attriċi jgħaddi pagamenti sostanzjali b'dana li huwa żgur ma jistax jaqbel mal-ammont pretiż;*

   d. *Illi għalhekk, mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda;*

   e. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;*

   *Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

7. Ir-rikorrenti ppreżentaw nota ta' riduzzjoni datata tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2023, illi permezz tagħha rriduċew l-ammont indikat fit-tieni (2) talba minn disgħa u ħamsin elf, erba' mija u sittax-il Ewro u ħamsin

ċenteżmu (€59,416.50) għal **wieħed u tletin elf, erba' mija u sittax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€31,416.50)**.

**Il-Qorti**

8. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti datat tlettax (13) t'Ottubru 2021, u d-dokumenti annessi miegħu, cioe (a) kopja awtentikata tal-att ta' Kostituzzjoni ta' Debitu datat l-20 ta' Lulju 2010, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar (**Dok A** a fol 7 tal-proċess); (b) estratt tal-kuntratt ta' separazzjoni personali bejn Karen u Riccardo Franco konjuġi Schembri (**Dok B** a fol 8 *et seq* tal-proċess); u (c) vera kopja legali tal-ittra uffiċjali tat-22 ta' Ġunju 2021 (ittra numru 2503/2021, Prim'Awla) (**Dok C** a fol 12 tal-proċess);

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Riccardo Franco Schembri** waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021[1], u rat is-sett ta' dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok RFS1** a fol 27 *et seq* tal-proċess;

10. Rat illi l-konvenut ġie awtorizzat jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet tiegħu permezz ta' digriet mogħti waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021;

11. Reġgħet rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut datata tnejn u għoxrin (22) ta' Diċembru 2021;

12. Rat illi l-kawża ġiet differita erba' darbiet għal probabbli ċessjoni stante illi kienu qed isiru xi pagamenti mill-konvenut lir-rikorrenti fil-mori tal-kawża, sakemm, waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu 2023, il-Qorti ġiet informata illi l-atturi ma kinux jinsabu f'pożizzjoni illi jċedu l-kawża stante illi transazzjoni bejn il-partijiet baqgħet ma saritx;

[1] It-traskrizzjoni tax-xhieda tiegħu tinsab a fol 22 *et seq* tal-proċess

13. Rat l-affidavit tal-attriċi **Julie Agius** a fol 60 *et seq* tal-proċess, flimkien ma' seba' dokumenti annessi miegħu, immarkati **Dok JA1** sa **JA7** (a fol 63 *et seq* tal-proċess);

14. Rat illi filwaqt illi r-rikorrenti għalqu l-provi tagħhom waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Mejju 2023, il-konvenuti ngħataw żewġ seduti sabiex iressqu l-provi tagħhom, iżda dan baqgħu ma għamluhx, b'dana illi l-Qorti kienet kostretta tiddikjara l-provi tal-konvenut magħluqa waqt is-seduta tat-tnax (12) t'Ottubru 2023;

15. Rat in-nota ta' riduzzjoni datata tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2023, illi permezz tagħha r-rikorrenti rriduċew l-ammont indikat fit-tieni (2) talba minn disgħa u ħamsin elf, erba' mija u sittax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€59,416.50) għal **wieħed u tletin elf, erba' mija u sittax-il Ewro u ħamsin ċenteżmu (€31,416.50)**;

16. Semgħet it-trattazjoni tar-rikorrenti waqt is-seduta tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2023, u kkonċediet lill-intimat sal-aħħar ta' Jannar 2024 sabiex jagħmel it-trattazzjoni finali permezz ta' nota;

17. Rat illi l-konvenut baqa' ma ppreżentax nota ta' sottomissjonijiet finali, minkejja t-terminu lilu konċess sabiex jagħmel dan;

18. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza;

19. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

*A. <u>Eċċezzjoni Preliminari</u>*

20. L-intimat jeċċepixxi preliminarjament illi l-ammonti mislufa kienu mislufa lill-konvenut u bint ir-rikorrenti fiż-żwieġ, u għalhekk bint ir-rikorrenti kellha tiġi kjamata fil-kawża;

21. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Atlas Insurance Agency Ltd noe vs Cassar & Cooper (S&I) Ltd et***[2]:

> *Ibda biex l-iskop tas-sejħa fil-kawża, kif inhu bil-wisq paċifiku, ma huwiex sempliċement miżura ta' tnaqqis ta' molteplicita' tal-kawżi imma wkoll biex jiġi żgurat li kull min hu interessat jiġi konness mal-mertu, u in kwantu seta' jiġi milqut bl-eżitu tal-kawża, jiġi akkordat lilu l-opportunita' li jiddefendi ruħu;*
>
> *Meta allura, kif inhu dan il-każ, il-konvenut jikkjama in kawża lit-terz bid-deduzzjoni li dan hu s-soġġett li għandu jwieġeb għall-pretensjoni ta' l-attur, it-talba attriċi testendi awtomatikament ruħha fil-konfront tat-terz in kwantu jokkorri jiġi individwat il-veru responsabbli fl-ambitu tar-rapport, oġġettivament uniku. It-terz imsejjaħ, flimkien mal-konvenut, jassumi l-vesti ta' litiskonsorzju neċessarju fil-konfront ta' l-attur, bil-konsegwenza li anke jekk l-attur ma jestendix it-talba tiegħu kontra l-imsejjaħ, il-ġudikant xorta waħda jista' ugwalment jippronunzja kundanna a karigu tat-terz kjamat fil-kawża hekk misjub fi ħtija.*

22. Fil-każ odjern, ir-rikorrenti jagħmluha ċara illi l-pretensjoni tagħhom fil-kawża odjerna hija biss għal *"l-import ta' sehmu* [cioe, sehem l-intimat] *mis-somma globali mislufa lilu u lil binthom"*[3], u jgħidu wkoll fir-rikors promotur, *"Illi f'dan l-istadju, iżda assolutament mingħajr ebda preġudizzju u/jew rinunzja għal kull jedd spettanti lilhom, l-esponenti ma jixtiequx jaġixxu*

[2] Appell Ċiv 756/2004/1, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 22 ta' Novembru 2006
[3] Para 7 tar-rikors promotur, a fol 2 tal-proċess

*kontra binthom"*[4]. Jirriżulta għalhekk illi r-rikorrenti m'humiex jippretendu lill-intimat iħallas l-ammont kollu lilhom allegatament dovut, iżda biss sehmu;

23. In oltre, fil-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejniethom, bint ir-rikorrenti u l-intimat stipulaw fil-klawsola bl-ittra (f) illi d-dejn dovut lir-rikorrenti, *"għandu jiġi mħallas konġuntivament bejniethom u f'dan ir-rigward il-partijiet intrabtu li jħallsu dan id-dejn u kwalsiasi pagamenti dovut in konnessjoni mal-istess dejn f'ishma indaqs bejniethom."* [5]Jidher għalhekk illi l-intenzjoni ta' bint ir-rikorrenti u l-intimat kienet illi l-ammont dovut lir-rikorrenti jinqasam min-nofs, u kull parti tħallas sehemha mid-dejn;

24. Meqjus il-premess, din il-Qorti ma tarax għalfejn kellha tiġi kjamata in kawża bint ir-rikorrenti. Dan b'mod partikolari tenut kont tal-fatt illi r-rikorrenti qed iressqu biss pretensjoni fil-konfront tal-intimat għal sehmu mid-dejn, u mhux għal sehem binthom ukoll. Li kieku, għall-grazzja tal-argument, ir-rikorrenti kienu qed jippretendu illi l-intimat iħallas l-ammont dovut kollu waħdu, kien ikun hemm raġuni valida għalfejn tiġi kjamata fil-kawża bint ir-rikorrenti, iżda fiċ-ċirkostanzi kif inhuma, l-eżitu tal-kawża bl-ebda mod mhu sejjer jaffettwa lil bint ir-rikorrenti. Lanqas huwa sejjer jaffettwa kwalsiasi azzjoni illi r-rikorrenti jistgħu fil-futur jiddeċiedu illi jieħdu kontra binthom sabiex jiġu rifużi lilhom sehemha mid-dejn, u dan peress illi jagħmluha ċara r-rikorrenti illi l-proċeduri odjerni qed jiġu intavolati mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi pretensjoni illi jista' jkollhom fil-konfront ta' binthom;

25. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tqis illi l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimat għandha tiġi miċħuda.

*B. <u>Il-Mertu tal-Każ Odjern</u>*

[4] Para 6 tar-rikors promotur, a fol 2 tal-proċess
[5] Vide **Dok B** anness mar-rikors promotur, a fol 10 tal-proċess

26. Ġie ritenut fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Francis Fenech vs Joseph Xerri et***[6]:

> *Illi f'kawżi għall-ħlas ta' allegat dejn, il-piż tal-prova tal-eżistenza tad-debitu jaqa' fuq l-attur. Ġaladarba jressaq din il-prova, imbagħad il-piż idur fuq il-konvenut biex jipprova l-ħlas:*
>
> > *"Illi bħala kreditur, l-attur hu fid-dmir li jipprova li jeżisti debitu, li dan id-debitu għadu dovut, u li d-debitur tiegħu baqa' inadempjenti fil-ħlas. Hu biss meta tiġi realizzata u sodisfatta din il-prova illi mbagħad l-oneru jisposta fuq il-konvenut debitur li jallega l-pagament. Dan il-prinċipju għandu l-fondament tiegħu fuq il-bażi li kulħadd għandu jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu. Kif deċiż, "fil-każ ta' konflitt serju bejn il-kontendenti fuq il-provi nkombenti rispettivament lilhom, cioe, l-attur l-esiġibilita' u l-konvenut is-soluzzjoni tad-debitu, in-nuqqas tat-tieni ma tikkolmax il-lakuna probatizja ta' l-ewwel u jibqa' dejjem jimpera l-prinċipju 'actore non probante reus absolvitur'" – "****Manuel Zerafa vs Nazzareno Muscat Scerri",*** *Qorti Ċivili, Prim'Awla, per Imħ Maurice Caruana Curran, 27 ta' Mejju 1970"* [Taliana Carmen v. Vassallo Cesareo Leonard 03.11.2004 QA(PS)]

27. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tar-rikorrenti, il-Qorti tinnota illi l-kawża ma ġietx deċiża b'mod definittiv u bid-dispensa tas-smigħ (a) waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Novembru 2021 stante illi l-intimat kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż ta' smigħ; (b) waqt is-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru 2021 stante illi l-intimat ippreżenta

---

[6] Rik Nru 1278/2008, Prim'Awla (Qorti Ċivili), Onor Imħ Grazio Mercieca, 10 t'Ottubru 2019 (in ġudikat)

ċertifikat mediku sabiex jiġġustifika l-assenza tiegħu; u (c) waqt is-seduta tad-disgħa (9) ta' Diċembru 2021 stante illi l-Qorti rat illi l-intimat kellu difiża x'jagħti għat-talbiet tar-rikorrenti. Dan ikkonsidrat, iżda, din il-Qorti tqis l-ewwel talba bħala sorvolata u sejra **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

28. F'dak illi jirrigwarda **t-tieni talba** tar-rikorrenti, il-Qorti tinnota illi:

    a. Jirriżulta mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu illi l-intimat stess kien qiegħed jirrikonoxxi illi kienet dovuta lir-rikorrenti s-somma ta' €97,833 mingħandu u mingħand l-eks-martu, rappreżentanti self magħmul *brevi manu*[7];

    b. Jirriżulta, hekk kif ġia premess, mill-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn bint ir-rikorrenti u l-intimat illi d-dejn ma kienx għadu ġie mħallas kollu, u li kien għad hemm bilanċ ta' circa €112,000, liema bilanċ il-partijiet fthiemu illi sejrin jaqsmu bejniethom f'porzjonijiet ugwali u kull wieħed iħallas is-sehem tiegħu[8]; u

    c. Il-fatt illi l-intimat jirrikonoxxi illi għandu d-dejn mar-rikorrenti jirriżulta saħansitra anke mill-fatt illi, fil-mori tal-kawża, l-intimat għamel diversi pagamenti akkont, u dan kif spjegat fl-affidavit tar-rikorrenti Angela Agius, a fol 60 tal-proċess, u l-kopji ta' *bank transfer receipts* annessi miegħu a fol 63 *et seq* tal-proċess;

29. Jidher għalhekk illi **mhux kontestat** illi huwa dovut mill-intimat bilanċ lir-rikorrenti. Huwa l-ammont pretiż mir-rikorrenti illi qiegħed jiġi kontestat;

30. Fix-xhieda tiegħu[9], l-intimat jesebixxi numru ta' dokumenti u *bank transfer receipts* illi huwa jippremetti illi huma pagamenti akkont illi saru tul is-snin sabiex jiġi saldat id-dejn[10]. Qamet tul l-istess xhieda l-mistoqsija rigward il-

[7] Vide **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 7 tal-proċess
[8] Vide **Dok B** anness mar-rikors promotur, a fol 10 tal-proċess
[9] A fol 22 *et seq* tal-proċess
[10] Vide **Dok RFS1**a fol 27 *et seq* tal-proċess

fatt illi numru ta' pagamenti saru mill-kont indikat bħala *Medistar Wages*, meta r-rikorrenti Angela Agius kellha mpjieg fil-kumpanija *Medistar*. Id-dubju illi tqanqal kien jekk effettivament dawn il-pagamenti kinux jirrappreżentaw paga tar-rikorrenti, jew ħlas akkont tad-dejn mertu tal-kawża odjerna. Filwaqt illi l-intimat isostni illi dawn kienu ħlasijiet akkont sabiex jiġi eventwalment saldat id-dejn, ir-rikorrenti Angela Agius, fl-affidavit tagħha tgħid, "[L-intimat] *beda jipprova jħallat dan id-dejn (mertu ta' din il-kawża) ma' xi pagi li kont nirċievi mill-kumpanija Medistar. It-tnejn li huma, huma affarijiet kompletament separati u ma għandhomx x'jaqsmu il-waħda mal-oħra. Il-paga li kont nirċievi hija proprju dik: paga – u ma għandhiex x'taqsam mas-self li konna tajna żewġi u jien lil Riccardo u bintna Karen."*[11];

31. Din il-Qorti rat illi, stranament, numru ta' *bank transfer receipts* esebiti mir-rikorrenti ukoll jagħtu l-impressjoni illi jirrappreżentaw ħlas ta' paga, iżda r-rikorrenti tirrikonoxxi illi huma ħlasijiet akkont sabiex jiġi saldat id-dejn. Hekk, per eżempju, **Dok JA2** (a fol 64) huwa pagament ta' €2,000 għal *Professional Service* u *Payment for Services*, indikat bħala *Payment on Behalf of Karen Agius* u maħruġ mill-kont *Medistar Expenses.* Hekk ukoll **Dok JA3** (a fol 65) huwa pagament ta' €2,000 għal *Employment* u *Salary*, indikat ukoll bħala *Payment on behalf of Karen Agius*, maħruġ minn Kres Group Limited. L-istess huwa **Dok JA4** (a fol 66), illi huwa pagament ieħor ta' €2,000 għal *Employment* u *Salary*, indikat ukoll bħala *Payment on behalf of Karen Agius* maħruġ minn Kres Group Limited. Dan b'kuntrast, per eżempju, ma' **Dok JA6** (a fol 68) illi huwa pagament ta' €5,000, indikat bħala *Loan Repayment* maħruġ minn Medistar Healthcare Serv Ltd. Il-fatt illi r-rikorrenti rrikonoxxiet illi dawn il-pagamenti kienu ħlasijiet akkont minkejja illi jagħtu l-impressjoni illi huma ħlas ta' paga, iġiegħlu lil din il-Qorti tiddubita jekk effettivament kellhiex raġun ir-rikorrenti meta sostniet illi l-ħlasijiet fil-*bank transfer receipts* esebiti mill-intimat fix-xhieda tiegħu kinux verament pagi, jew kinux ħlasijiet akkont sabiex jiġi eventwalment saldat id-dejn;

---

[11] Vide para 11 fl-affidavit tar-rikorrenti, a fol 61-62 tal-proċess

32. Din il-Qorti ma tistax b'konvinċiment morali san taċċetta d-dokumenti a fol 28 sa 34 bħala prova illi saru l-ħlasijiet relattivi, stante illi dawn jidher illi huma biss dokumenti jew noti illi l-intimat għamel huwa stess, u ma jikkostitwixxux prova uffiċjali b'saħħa probatorja bħalma huma, per eżempju, *bank transfer receipts*. In oltre, il-*bank transfer receipts* a fol 35, 36, 37, 39, 40, 41, 43 u 44 huma, fil-fehma tal-Qorti, dubjużi, stante illi jew huma maħruġa minn kont indikat bħala *Medicare Wages*, jew m'hemm l-ebda dettalji dwar dak illi jikkostitwixxi l-pagament. Il-Qorti mhix sejra għalhekk tikkonsidra dawn il-pagamenti bħala ħlasijiet akkont;

33. **Madanakollu,** mhux l-istess jista' jingħad, per eżempju, għall-*bank transfer receipt* a fol 38, illi huwa pagament ta' €1,000 indikat bħala sempliċi *Payment*. Aktar ċara minn hekk hija l-*bank transfer receipt* a fol 42, illi huwa pagament għal €11,999.65 indikat bħala *Loan Repayment* lir-rikorrenti. Din il-Qorti sejra tikkonsidra dawn iż-żewġ pagamenti bħala ħlasijiet illi saru akkont, u taqtagħhom mill-bilanċ pretiż mir-rikorrenti;

34. Finalment, din il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrenti ppreżentaw nota ta' riduzzjoni fil-mori tal-kawża, u li l-ammont minnhom pretiż niżel għal €31,416.50 sabiex jirrifletti l-ħlasijiet illi saru akkont fil-mori tal-kawża odjerna. Meta jitnaqqsu minn dan l-ammont is-somma ta' €11,999.65 u €1,000 għar-raġunijiet ġia elenkati, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddikjara illi l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti huwa fis-somma ta' **tmintax-il elf, erba' mija u sittax-il Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€18,416.85)**;

35. **Għaldaqstant it-tieni talba dedotta fir-rikors ġuramentat tirriżulta pruvata u sejra tintlaqa' *in parte*;**

36. F'dak illi jirrigwarda t-talba tar-rikorrenti għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> (1) *Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*
>
> (2) *F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

37. Huwa evidenti illi għall-każ odjern japplika s-sub-inċiż (2) tal-Artikolu 1141. Ir-rikorrenti kienu bagħtu ittra uffiċjali bin-numru 2503/2021 lill-intimat, datata tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju 2021 (**Dok C** a fol 12 tal-proċess). Skont it-timbru tal-Marixxall, jidher illi l-ittra ngħatat lil ċertu Ryan Abela nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021. Din hija notifika valida fit-termini tal-Artikolu 187 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-Qorti sejra għalhekk tordna illi l-imgħax għandu jibda jiddekorri mis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021;

38. Għaldaqstant, din il-Qorti sejra tikkonsidra d-data tas-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021 bħala d-data minn meta għandhom jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet legali għal kull ammont dovut. Tali imgħaxijiet għandhom ikomplu hekk jiddekorru sad-data tal-effettiv pagament.

**Decide**

39. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **<u>Tastjeni</u>** milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba;

(ii) **<u>Tilqa</u>'** t-tieni talba tar-rikorrenti ***<u>in parte</u>***, u dana billi tikkundanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' **tmintax-il elf, erba' mija u**

**sittax-il Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€18,416.85)** rappreżentanti l-import ta' sehmu mis-somma globali ta' mija u tmintax-il elf, tmien mija u tlieta u tletin Ewro (€118,833) mislufa lill-intimat u Karen Agius, bl-imgħax legali dekorribbli mis-sitta u għoxrin (26) ta' Lulju 2021 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż a karigu tal-intimat Riccardo Franco Schembri.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**